# F'XATT IL-BAĦAR

## SUNETT

Mita narak ma tehda xejn, bil-ħlewwa
kollha, tinfirex fuq it-tarf tax-xtajta,
u tarġa' tmur u tarġa' tiġi l-ġewwa,
donnok ferħan, il-għaliex bistha w-rajtha

lill-blata dejjem niedja, u mħarrġa, sewwa
sew bħal ma jagħmlu 'l-ħbieb fil-għors ta' l ġgajta,
fost id-daqq, fost iż-żfin, bogħ'd mill-egħdewwa,
issa tgħannieqa u bewsa, issa xi ċajta;

ngħid bejni u bejni: Kemm ħanin u twajjeb
hu Dak li silet u li jmexxi il-ħlajjaq
b'għerf li ma bħalu, bl-aktar kbira mħabba!

Kieku kull bniedem qalbu ried u rabba'
kif irid Alla, kemm tiġrif u dwejjaq
jaħrab! għalih id-dawl qatt ma jitgħajjeb.

Nhar Lapsi 1933. **Mons. Gauci.**